MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Numru. 884/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Joseph Bartolo**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Joseph Bartolo ta' 52 sena, iben Fidiel u Saveria nee' Seychell, imwieled Gudja fis-27 ta' Mejju 1950 u residenti f'numru 3, Sqaq numru 6, Triq il-Kbira, Gudja u detentur tal-karta tal-identita' numru 498650(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fid-29 ta' Jannar 2002 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita' kompetenti, ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr licenzja mill-Awtorita' kompetenti u cioe' sellef flus bl-imghax lil diversi persuni. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Att XXII ta' l-1994.

Kiser jew naqas li jhares xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-Att XXII ta' 1994, jew xjentement kien parti bl-ghemil, jew ipprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Att XXII ta' l-1994 dwar istituzzjonijiet Finanzjarji. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 22(1) u 23(2) ta' l-Att XXII ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta' Ottubru, 2002 (esebit *a folio* 23 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (inserit a fol. 22 tal-atti processwali) mahrug ai termini tal-Artikolu 23(2) tal-Att XXII tal-1994 sabiex jinbdew dawn il-proceduri fil-konfronti tal-imputat Joseph Bartolo.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-11 ta' Settembru, 2003 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri gew intavolati wara li fit-13 ta' Marzu 2002 l-Pulizija rceviet rapport minghand certu Tessie Spagnol fejn din infurmathom li fil-11 ta' Novembru 1999 hija kienet isselfet is-somma ta' Lm4,400 minghand l-imputat u kellha thallas dan l-ammont lura f'pagamenti

rateali ta' Lm200 fix-xahar. Hija qalet li effetwat pagamenti bejn Novembru 1999 u Gunju 2000 izda imbaghad kelmet lil Caritas u dawn tawha parir sabiex twaqqaf il-pagamenti u hija ghalhekk f'Lullju 2000 waqfet milli teffetwa aktar pagamenti. Tessie Spagnol marret ghand il-Pulizija ghaliex allegat li l-imputat kien qed jheddidha u ried li tkompli thallsu l-pagamenti kif miftiehem u ghaliex bdiet tallega li l-imputat kien talabha thallas rati ta' imghax oghli, hija fil-fatt sostniet li l-ammont li kellu jithallas bhala imghax kien ta' Lm2,200. Meta l-Pulizija arrestaw lill-imputat u effetwaw tfittxijiet fir-residenza tieghu u fil-hanut tal-grocer minnu gestit kif ukoll fil-vettura tieghu sabu xi notebooks (esebiti a fol. 33 tal-atti processwali) fejn kien hemm xi entrati b'isem l-imputata u kien hemm ukoll lista b'numri tat-telephone. L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Edel Mary Camilleri meta xehdet fl-udjenza tal-11 ta' Settembru 2003 qalet li meta hija kkomunikat mal-persuni li kellhom dawn in-numri tat-telephone ma rrizultalhiex li ebda wiehed minnhom kien qed jissellef il-flus minghand l-imputat. L-istess Ufficjal Prosekutur xehdet li f'Lulju 2002 hija rceviet rapport minghand persuna ohra certu John Cassar li wkoll allega li l-imputat kien selfu l-flus u kien qed jheddu sabiex jithallas lura.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri permezz tal-ewwel akkuza l-imputat qed jigi akkuzat li minghajr licenzja mahruga mil-awtorita' kompetenti ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta u cioe' li sellef flus bl-imghax lil diversi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 376. L-Artikolu 3(1) tal-Kap. 376 jipprovdi hekk:

"Ebda kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja ma' ghandu jsir f'Malta jew minn Malta hlief minn kumanija li jkollha licenza moghtija taht dan l-Att mill-awtorita' kompetenti.

Il-ligi tiddefinixxi "istituzzjoni finanzjarja" fl-Artikolu 2 tal-Kap. 376. Qabel l-1 ta' Ottubru, 2002 din id-definizzjoni kienet taqra hekk:

“istituzzjoni finanzjarja’ tfisser kull persuna li x-xoghol regolari jew kummerc regolari taghha huwa li twettaq: (a) xi wahda mill-attivitajiet elenkati fl-Iskeda li tinsab ma’ dan l-Att, (b) kull attivita’ ohra hekk stabbilita mill-Ministru b’ordni publikat fil-Gazzetta li jemenda l-Iskeda li tinsab ma’ dan l-Att, akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dak il-kummerc...” (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Mill-1 ta’ Ottubru, 2002 id-definizzjoni giet taqra hekk:

“istituzzjoni finanzjarja’ tfisser kull persuna li b’xi mod regolari jew abitwali tikseb holdings jew twettaq xi attivita’ mnizzla fl-Iskeda akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attivita’ ...”

L-ewwel  attivita’ li hemm imnizzla fl-Iskeda – u din l-Iskeda ma inbidlitx minn mindu giet fis-sehh il-ligi fl-1994 – hija dik ta’ “self’, evidentement self ta’ flus.”

Illi in kwantu jirrigwarda l-interpretazzjoni ta’ dan l-Artikolu tal-ligi appena citat u d-distinzjoni bejn id-definizzjoni ta’ istituzzjoni finanzjarja qabel l-1 ta’ Ottubru 2002 u wara l-imsemmija data l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f’sentenza moghtija fil-5 ta’ Novembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Raymond Bajada’ u cioe’ s-segwenti:-

“Fil-fehma ta’ din il-Qorti, bejn l-ewwel u t-tieni definizzjoni ta’ “istituzzjoni finanzjarja” kien hemm biss spostament ta’ enfazi:filwaqt li fid-definizzjoni ta’ qabel l-1 ta’ Ottubru, 2002 l-enfazi kienet fuq il-fatt li l-attivita’ ta’ self ta’ flus kienet tkun ix-xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc, regolari ta’ dak li jkun (mhux necessarjament, pero’ ix-xoghol jew kummerc principali), fit-tieni definizzjoni l-enfazi giet spustata ghall-“frekwenza” – regolarita’ jew abitwalita’ – li biha dak li jkun isellef flus, irrispettivament minn jekk dan isirx bhala xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc, ta’ dak li jkun. Dak li certament il-legislatur ma riedx li jolqot, sia taht l-ewwel kif ukoll taht it-tieni definizzjoni, huwa lil min jislef il-flus lil haddiehor ghax darba kultant tigih l-okkazjoni li jaghmel hekk; il-legislatur ried, ghal kuntrarju,

jolqot lil min jaghmel tali self b'dak il-mod u b'dik il-frekwenza li meta tarah tghid, bejnek u bejn ruhek, "dan sar qisu bank!" Fl-ahhar mill-ahhar, ghalhekk, u fin-nuqqas ta' definizzjoni aktar preciza da parti tal-legislatur, hu rimess ghall-buon sens tal-gudikant biex jara jekk dak li jkun wettaq l-imputat jammontax ghal kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja."

Illi fil-proceduri odjerni qed jigi allegat li s-self sar fid-29 ta' Jannar 2002 jew fix-xhur ta' qabel u ghalhekk tapplika d-definizzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja qabel l-1 ta' Ottubru 2002. Minn ezami tal-provi jirrizulta li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova biss li l-imputat sellef il-flus lil Tessie Spagnol u dan f'okkazzjoni wahda biss. Ghalkemm l-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda taghha ghamlet referenza ghal rapport iehor li rceviet il-Pulizija minghand certu John Cassar, dan qatt ma gie prodott bhala xhud fil-proceduri odjerni, fil-fatt giet esebita biss stqarrija li huwa ghamel lil Pulizija liema stqarrija m'hijiex ammissibli bhala prova f'dawn il-proceduri. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxilha tipprova li l-imputat agixxa ta' istituzzjoni finanzjarja b'mod regolari u jidrilha li s-self minnu maghmul lil Tessie Spagnol ma jistghax jitqies li jammonta ghal kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja. L-imputat ghalhekk ma jistghax jigi misjub hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. Irid jigi rilevat li f'dawn il-proceduri l-imputat ma giex akkuzat bir-reat ta' uzura anki ghaliex fiz-zmien in dizamina l-uzura ma kinitx ghadha tikkostitwixxi reat taht il-ligi taghna.

Ikkunsidrat:

Permezz tat-tieni akkuza l-imputat jinsab ukoll akkuzat li naqas li jhares wahda mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 376 jew li xjentement kien parti fl-ghemil, jew iprokura jew ghen jew hajjar ghemil ta' reat taht il-Kap. 376. Anki in kwantu jirrigwarda din l-akkuza li jidher li inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) akkuza, ma ngabet ebda prova li l-imputat ikkommetta r-reati kontemplati fl-Artikoli 22(1) u 23(2) tal-Kap. 376 tal-Ligijiet ta' Malta u huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tat-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------